**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 141/17AL

**AB**
**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fil-hamsa (5) ta' Frar, elf disa` mija tlieta u disghin (1993) f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied u li llum –il gurnata huma maggorenni.

3. Peress li l-partijiet isseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li sar nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru,elf disa` mija tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.
4. Peress illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta u hadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jghaddi manteniment;
5. Peress illi ma hemm ebda possibbilta` ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba` (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Talbet ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necesarja u moghtija l-provvedimenti opportuni l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skont il-ligi, kopja tad-Digriet relattiv tigi kkomunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skont il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha iddikjara :

1. Illi l-intimat jaqbel mar-rikorrenti illi s-separazzjoni taghhom giet ippronunzjata nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru, elf disa mija tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella u ghalhekk ghaddew aktar minn erba (4) snin;
2. Illi jaqbel ukoll illi fl-istess kuntratt tas-separazzjoni personali il-kontendenti irrinunzjaw reciprokament mid-dritt ghal manteniment minghand xulxin;
3. Illi jaqbel ukoll illi l-esponent mhuwiex obbligat illi jivversaw l-ebda manteniment favur it-tfal fil-prezent jew fil-futur;

Ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghalfejn din il-Qorti ma tippronunzjax id-divorzju jew il-hall taz-zwieg kif qieghed jitlob ir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Dicembru 1998;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.